II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/797

tat-8 ta' Marzu 2021

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness II u tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjonijiet bil-lingwa Daniża, Franċiża, Ġermaniża, Taljana u Pollakka tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fihom żball fis-sentenza introduttorja tat-tieni paragrafu tat-taqsima 2.12 tal-Parti 2 tal-Anness II fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu tat-tikkettar għat-taħlitiet solidi li fihom id-diossidu tat-titanju.

(2) Il-verżjoni bil-lingwa Ċeka tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fiha żbalji addizzjonali fit-taqsima 2.12 tal-Parti 2 tal-Anness II fir-rigward tal-obbligu tat-tikkettar għat-taħlitiet li fihom id-diossidu tat-titanju.

(3) Il-verżjoni bil-lingwa Taljana tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fiha żball fin-nota 10 tat-taqsima 1.1.3.2 tal-Parti 1 tal-Anness VI fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' periklu tat-taħlitiet li fihom id-diossidu tat-titanju.

(4) Għalhekk, il-verżjonijiet bil-lingwa Ċeka, Daniża, Franċiża, Ġermaniża, Taljana u Pollakka tal-Anness II u l-verżjoni bil-lingwa Taljana tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jenħtieġ li jiġu korretti skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħrajn mhumiex affettwati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN